# L-ISMIJIET TA' TLIET TOROQ F'SANNAT

*minn Mons Dun Lawrenz Sciberras.*

F'kull belt u raħal wieħed isib numru ta' toroq minsuġin u li jagħtu waħda ġo l-oħra. Issa biex triq tingħaraf minn triq oħra, din tingħata isem partikulari. L-ismijiet ta' dawn it-toroq ikunu marbutin jew ma' xi personaġġ, ma' xi data ta' tifkira, u din kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali, ma' xi lokal, ma' xi ġrajja u l-bqija. Naturalment ismijiet tal-qaddisin ma' jonqsux. Għalhekk, nistgħu ngħidu li kull isem ta' triq jorbot miegħu storja ta' post partikulari.

Issa dan ir-raġunar jgħodd ukoll għar-raħal tipiku u għoli tagħna, Sannat. Għażilt tliet toroq li l-ismijiet tagħhom huma reċenti ħafna, però dawn l-ismijiet huma partikulari għal raħalna u jorbtu magħhom tagħrif tassew interessanti. Dan it-tagħrif huwa kollu marbut jew qiegħed f'raħalna stess. U lir-raħalna Sannat, l-ewwel irridu nkunu aħna li nagħfuh speċjalment fejn tidħol l-istorja, d-drawwiet, s-snajja tifkiriet ta' l-imgħoddi u l-arkeoloġija tiegħu.

## TRIQ TA' BEBUNAQ

Nibda biex nipprova nagħti t-tifsira tal-kelma bebunaq li aktarx hija l-plural ta' bebuna. Issa skond is-Sur Victor J. Galea din tfisser pjanta li llum ħadet l-isem ta' kamomilla. Il-botaniċi jsejħu bebuna lil diversi pjanti, waħda minnhom tista' tkun id-'daisy'. Erin Serracino-Inglott fil-miklem tiegħu jikteb hekk: Din (għal-pjanta tal-bebuna) għandha zokk wieqaf b'ħafna friegħi u b'weraq irqiq u tawwali, jfuħ, b'ward irqiq abjad. L-imgħolli tagħha jserraħ l-uġigħ ta' żaqq. Issa fil-ħara ta' Ċenċ, u li din tiġi n-naħħa ta' nofs in-nhar ta' raħalna Sannat sewwa sew fil-Qortin kien hemm kappella ddedikata lil Santa Marija. In-nies kienu jsibuha ta' Santa Marija ta' nofs Awissu, mela l-Assunta. Din il-kappella hija msemmija l-ewwel darba fil-viżta ta' l-isqof Duminku Cubelles, fis-sena 1545.

Din il-kappella biex setgħet tlaħħaq ma' l-ispejjes żgħar tagħha kella benefizzju. Dan ifisser xi raba mħolli, biex mill-flus li jinġabru aktarx qbiela jmorru għal din il-kappella: jiġifieri jsir xi quddies u spejjes oħra għal manutensjoni ta' l-istess kappella. De Soldanis hu tal-fehma li l-kappella twaqqfet madwar il-bidu tas-sena 1300. Dan ir-raba' mħolli għal din il-kappella huwa msejjaħ ta' Santa Marija ta' BEBUNAQ.

Interessanti ħafna huwa l-fatt kif l-ewwel kappillan tal-parroċċa tagħna Dun Lażżru Camilleri diġa fis-sena 1670, mela tmintax il-sena qabel ma' Sannat sar parroċċa, Dun Lażżru kien irċieva l-benefizzju tar-raba ta' Bebunaq, fil-ħara ta' Ċenċ. Bil-flus tal-qbiela Dun Lażżru kien iqaddes darba kull erba' ġimgħat għall-fundaturi. Għalhekk il-laqam marbut ma' dan il-post partikulari hawn f'Sannat, għadu ħaj u jeżisti. U biex dan ma' jintesiex ġustament issemmiet Triq ta' Bebunaq.

## TRIQ IT-TEMPJU TA' L-IMRAMMA

Fost il-ħafna għana naturali li bihom huwa mżejjen raħalna Sannat, hemm it-taqsima ta' Ċenċ. Medda art li jsaħħrek għall-ġmiel naturali tagħha u fuq kollox għall-mijjiet ta' kwalitajiet ta' ħxejjex u fjuri, fosthom in-narċis. Fil-jiem tax-xitwa, ta' Ċenċ ikun tapit wieħed minsuġ b'kuluri ta' ward li jsaħħru. Ta' Ċenċ però huwa għani wkoll għal bosta fdalijiet preistoriċi; fosthom il-kalati u jekk mhux ukoll l-aqwa minnhom huwa t-**Tempju ta' l-Imramma.** Isem ieħor għal dan il-post arkeoloġiku huwa it-Torri jew il-Borġ ta' l-Imramma.

Kif iġib dan l-isem tempju jew maqdes, dan kien post li jużawh biex fih isiru

s-sagrifiċċi l-allat. Mela diġa hawn binja qaddisa. It-tieni kelma li tixħet dawl fuq dan il-post hija imramma. Dan ifisser ħajt b'saffajn u mimli bil-mazkan. Dan it-tempju jidher li kien fih sitt għorof, u li l-forom tagħhom huma ovali. Element ieħor komuni f'dan il-maqdes hija l-bitħa ta' quddiem. Naturalment aktarx li fil-bitħa li ma' kenitx imsaqqfa kien jsir il-ħruq tas-sagrifiċċi l-allat, u l-intejjen joħorġu l-barra.



Niġu issa għaż-żmien ta' dan it-tempju ta' l-Imramma. Id-dati wisq probabli hija mis-sena **3800 sas-sena 3600 qabel Kristu.** Issa dawn id-dati jiġu qabel dawk tal-Ġgantija. Għoġbitni ħafna il-konklużjoni li għamel l-istoriku Dun íużepp Beżżina. Mela f'ta' Ċenċ, Sannat, għammar il-bniedem elfejn sena qabel ma' l-patrijarka Abraham deher fid-dinja.

Altru għalhekk li kien jixraq li waħda mit-toroq ġodda ta' raħalna tibda tissejjaħ "Triq it-Tempju ta' l-Imramma", isem tassew ta' prestiġju kbir.

## Triq Palazz Palina

Triq ta' Ċenċ tibda mill-pjazza Santa Margerita, tibqa' tiela u tispiċċa fil-ħara ta' Ċenċ. Il-plakka li turi dan l-isem qiegħda mwaħħla ma' żewġ binjiet sinjorili antiki, jiġifieri d-dar qadima u sabiħa ta' l-arċipriet, u l-oħra mall-palazz ta' Ċenċ, jew aħjar **Palazzo Palina.** Il-għan ta' min bena dan il-palazz kellu x'jaqsam mall-ħafna raba' li hemm fiż-żona ta' Ċenċ. Raba' għammieli u li parti minnu qiegħed forma ta' sinet, jiġifieri mtarraġ, kelma li aktarx minnha ħareġ isem raħalna Sannat. Din id-dar kbira nbniet fi żmien il-Grammastru Ramon Perellos, mela bejn is-snin 1697-1720. Dan għaliex f'waħda mill-faċċati tad-dar hemm l-arma tiegħu. Fid-dokumenti uffiċċjali din id-dar tissejjaħ **Palazzo Palina.**

Dan il-palazz huwá mibni fuq żewġ sulari. Naħseb li dak t'isfel kien għall-użu tal-bhejjem u l-għalf tagħhom. Hekk kienet id-drawwa ta' dawk iż-żminijiet. Dak ta' fuq imbagħad fejn joqgħodu n-nies. F'dan l-istess palazz kien hemm il-kappela privata. Dak li hemm interessanti isfel huma ż-żewġ btieħi kbar interni, tliet bjar għal ilma, u maqjel kbir u tawwali ħafna. Hawn sid ir-raba kien iżomm l-bhejjem. Ir-raġuni hija ċara. Fuq iż-żewġ naħħiet ta' dan il-maqjel hemm ħafna imxatar u l-imrabat għal bhejjem.

Kemm mill-binja ta' Palazz Palina, kif ukoll mill-qbiela li sid il-palazz kien idaħħal juri li dan kien jagħmilha tajjeb tant hu veru dan, li sid il-palazz kellu l-uniku ġardinar miegħu, naturalment biex dan jeħodlu ħsieb il-ġonna tal-palazz. Għal dawn iż-żminijiet din tal-ġardinar kienet tassew xi ħaġa kbira. Fi żmien l-aħħar gwerra, minħabba il-bosta attakki tal-għadu fuq Malta, ġew jgħixu ġo dan il-palazz bosta sorijiet tal-klawsura. Il-kappillan tagħhom kien jismu Patri Bonifaċju.

Għalhekk Triq Palazz Palina tkompli tikseġ paġna oħra ma' l-istorja ferm interessanti u sabiħa ta' raħalna Sannat.